MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Numru. 824/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Mansour Moktr Hamid Hamied**

**Seduta tal-lum 07 t'Ottubru, 2003.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra ***Mansour Moktr Hamid Hamied,*** ta' 28 sena, bin Moktr u Aixa, mwieled Libja, fil-05 ta' Frar, 1975, residenti 'St. Paul's Court' Flat 8, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar detentur tal-karta ta' l-identita numru 24595A,

Talli fis-06 t'Ottubru, 2003, ghall-habta tas-2.00p.m., f'Burmarrad ikommettejt serq ta' 'generator' tal-marka 'Honda', minn trakk bin-numru tar-registrazzjoni BAU-475 ghad-dannu ta' Joseph Calleja u Equipment Hire Ltd, liema serq huwa kkwalifikat:

1. Bil-valur li ma jaccediex l-elf lira Maltin (art. 267 tal-Kap 9); u

2. Bix-xorta tal-haga misruqa (art. 271 (g) tal-Kap 9).

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat. Il-Qorti accertat ruhha li l-imputat fehem l-akkuza u waa li taghtu zmien sufficjenti niex jikkontempla l-ammessjoni tieghu u rega' wiegeb li huwa hati.

Ghalhekk issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Wara li rat l-artikoli 261, 267, 279, 280 (1) Kap 9.

Wara li rat l-fedina penali ta' l-imputat u tenut kont ta' l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Tikkundannah ghall-terminu ta' prigunerija ta' sena mil-lum, liema terminu ma jiddekorriex hlief jekk l-imputat jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija sa zmien sena mil-lum skond l-art 28A tal-Kap 9

Il-Qorti spjegat l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------